DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................. ĦINIJIET ................ POST: .............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI ..................................... DATA/DATI ......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

Notamenti

## IL-BELLIEGĦA FIL-BIR

*2 Att, 1 Xena, p.63 (f/F)*

## RIENI

### X'INHI L-VERITÀ?

Hi!

*ALISTAIR iqum u jħaffef joħroġ bla kliem xejn.*

/ Bonġu lilek ukoll!

*Tara li X-XIĦ ukoll baqa' wieqaf iħares lejha.*

/ Iva x'jien jien, il-Medusa? M'iniex daqshekk kerha, *come on*!

*IX-XIĦ: Bonġu. X'tieħu? Kafè?*

*Rieni tmur tpoġġi mal-bank.*

– Iswed. Tlieta zokkor, *please*. *(Pawsa. Biex tkun qalet xi ħaġa:)* Għamluh sabiħ ukoll hemm isfel fil-kantina. Ma rajtux? Hemm il-kobor ukoll!

*IX-XIĦ: Naf. Niftakar.*

/ Michael qal li kellu ħsieb jagħmel appartament sħiħ għalih hemm isfel. — Separat naturalment. Irid jagħlaq dan il-bieb u jħalli l-ieħor biss, fuq barra, biex żgur ikun maqtugħ kompletament. *(bi sfida)* Il-kamra tas-sodda biss leħaq lesta imma. Tal-anqas konsistenti fil-prijoritajiet tiegħu, ma taħsibx?

*IX-XIĦ: (jagħtiha l-kafè) Tlieta zokkor?*

/ Tlieta zokkor... Diplomatiku wkoll int. Ara kieku kont jien kont nistaqsi: U tiegħek: x'inhuma l-prijoritajiet tiegħek, Sinjorina? Le – mhux int imma, għax int diplomatiku. Don ieħor li wliedek m'għandhomx. Int żgur li int missierhom?

*IX-XIĦ: Żgur.*

/ Żgur! Prosit. U kavalleresk ukoll. Sa l-aħħar – u minkejja kollox. Tal-għaġeb!

*IX-XIĦ: Le, il-verità biss.*

/ Hekk hu – il-verità biss… Imma x'inhi l-verità? staqsa Pilatu. *(tixrob ftit kafè – imbagħad)* Tinnota kif Ġesù kien l-uniku li seta' jagħtina r-risposta definittiva u baqa' ma weġibx? Tgħid għaliex? *(<194)*

PDF p.63

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** ............................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..............................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.